**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU HAMSA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar L-Erbgha 4 ta' April, 2007 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 34
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Approvazzjoni Programm Jum l-Isla 2007
4. Mistoqsijiet
5. Mozzjonijiet
6. Rizoluzzjonijiet
7. Xogholijiet Triq il-Vitorja
8. Quotations 'Play Area Triq il-Habs l-Antik'
9. Rapport Finanzjarju Attivitajiet April 2006 – Marzu 2007
10. Website
11. Progett Kunsill Lokali Bormla
12. Haddiema Assenjati mal-Kunsill

**35 (1) Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 34**

Il-minuti gew mehuda bhala moqrija billi dawn tqassmu lil kunsilliera minn qabel il-laqgha tal-Kunsill.

35 (1) 1 Korrezzjoni Pagna 3 Minuta 34 (2) 5

L-ewwel pagna thassar il-kliem 'li hemm proposti….Unjoni Ewropeja' u jidhol il-kliem 'jistghu jsiru fl-Isla bil-fondi migjuba mill-EU'.

35 (1) 2 Addenda Pagna 4 Minuta 34(5) 5.2

Fl-ahhar ta' din il-pagna jizdied dan il-kliem: 'Is-Sindku nsista li ma tistax issir mozzjoni fuq mistoqsija ghax biex taghmel mozzjoni hemm proceduri ohra.

35 (1) 3 Korezzjoni Pagna 8 Minuta 34(7)

Jithassar il-kliem 'mhux fil-prezenza tas-Segretarju Ezekuttiv' u jidhol il-kliem 'Is-Segretarju Ezekuttiv irtira mill-laqgha.'

35 (1) 4 Korezzjoni Pagna 9 Minuta 34 (7)

Jithassru l-ahhar erba' kelmiet 'kif espressi fic-CERD.'

35(1) 5 Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva il-minuti kif emendati.

**35 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha**

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-laqghat u il-hidma li wettaq dan il-Kunsill mill-ahhar laqgha ta' l-istess Kunsill.

35 (2) 1 **Enemalta Re: Gnien il-Gardjola** 30 ta' Marzu 2007

Wara laqgha li saret mas-sur Victor Cini mill-Enemalta gie suggerit li jsir three fase. L-ispejjez involuti huma ta' madwar Lm210. Hemm bzonn ta' bdil ta' materjal iehor. Mistennija kwotazzjonijiet ohra minn individwi ohra dwar dan.

| | | |
|---|---|---|
| 35 (2) 2 | **Sinjali tat-toroq fi Triq iz-Zewg Mini** | 2 ta' April 2007 |
| | Saret spezzjoni fuq il-post minn rapprezentant tal-Koptasin biex issir stima tax-xoghol ta' sinjali fejn twettaq ix-xoghol ta' reasfaltar fi Triq iz-Zewg Mini. Sar sketch ta' xoghol propost li jsir f'din it-triq u Triq il-Kuncizzjoni (kopja mehmuza)<br><br>Saret konsultazzjoni ta' x'jehtieg li jsir fi Triq il-Vitorja biex jinzamm speed limit wara li jkollna l-approvazzjoni ta' l-ADT (kopja mehmuza) | |
| 35 (2) 3 | **Laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi** | 2 ta' April 2007 |
| | Gew diskussi ir-Rapport Finanzjarju 2006/2007 ma l-accountant tal-Kunsill u dwar ix-xogholijiet li saru u li hemm progettati li jsiru fiz-zmien li gej. Il-Minuti ta' din il-laqgha ghandhom jitqassmu aktar tard. | |
| 35 (2) 4 | **Progett mill-Access permezz ta' fondi mill-EU** | 3 ta' April 2007 |
| | Is-Sindku Joseph Casha attenda ghal laqgha fejn gie moghti taghrif dwar dan il-progett li beda Malta u li sejjer jkun marbut ma pajjizi ohra bhal ma huma Ungerija, Ingilterra, Irlanda, Grecja, Cipru, Lithuania u Portugall bit-tema 'Peer Review' u li jiffoka fuq servizzi ghat-tfal u familji. Ghandu jsir seminar bejn it-12 u it-13 ta' Gunju 2007. | |
| 35 (2) 5 | **Sotto Kumitat Konsultattiv** | 25 ta' Marzu / 3 ta' April 2007 |
| | Saru dawn iz-zewg laqghat fejn gew diskussi l-attivitajiet u il-programm ghal gimgha ta' attivitajiet f'gieh Jum l-Isla | |
| 35 (2) 6 | **Seminar dwar il-Finanzi u Risk Management** | |
| | Is-Sindku fakkar u heggeg lil Kunsilliera biex jattendu ghal dan is-seminar mtella mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali nhar it-18 ta' April 2007 bejn l-4.30pm u is-7.30pm u li ha jsir il-Qrendi. Dawk il-Kunsilliera li sejjrin ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv halli jsiru l-arrangamenti. | |

35 (2)7 Korrispondenza Mibghuta u Rcevuta bejn il-21 ta' Marzu 2007 u it-3 ta' April 2007

| | |
|---|---|
| **04/0635/07/I** | Twegiba mill-Belt ta' Karlovy Vary<br><br>Ma gietx accetata il-proposta tal-Kunsill biex tinbeda koperazzjoni kulturali, socjali u edukattiva bejn iz-zewgt ibliet minhabba il-hafna impenji ohra li ghandhom. |
| | |
| **04/0636/07/I** | Memo 10/2007<br><br>Din il-memo giet imwiegba. |
| | |
| **04/0638/07/I** | Dwar laqgha ghas-Sindki tal-Kottonera dwar progett Peer Review mill-Ufficju ghal Inkluzjoni Socjali – Konferenza f'Gunju. |
| | |
| **04/0653/07/I**<br>**04/0654/07/I** | Minuti tal-laqgha li saret fl-Annuals ta' l-Avec f'Tours fi Franza. Gie propost u approvat li ssir konferenza ta' l-Avec fit-12 u it-13 ta' Ottubru fil-Birgu. |
| | |
| **04/0655/07/I** | Talba ghall-uzu tas-Sala fit-2 ta' Gunju 2007<br><br>Din it-talba giet accettata |
| | |
| **04/0656/07/I** | Anna Lindht |
| | |
| **04/0659/07/I** | Il-Kunsill gie mgharraf li l-ittra li ntbaghtet fis-16 ta' Marzu 2007 dwar l-izvilupp tal-bacir nru 1 giet rcevuta. |
| | |
| **04/0694/07/I** | Il-Kunsill ta il-kunsens tieghu biex il-Brigata Laburista tohrog bil-marc fil-31 ta' Marzu. |
| | |
| **04/0694/07/I** | Id-Dipartiment ghal Gvern Lokali, ghal hames darba rega fakkar lil Kunsill dwar l-applikazzjoni ghat-talba tal-Kunsill ghad-devoluzzjoni tax-xelters. |
| | |
| **04/0704/07/I** | Progett RCSM<br><br>Il-Kunsill Lokali tal-Birgu mhux intenzjonat li jiehu sehem fih. |
| | |
| **04/0706/07/I** | Il-Kunsilliera u is-Segretarju Ezekuttiv huma mistiedna biex jiehdu sehem fis-seminar mtella mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Finanzi u Risk Management. Il-Kunsilliera interessati ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv. |
| | |
| **04/0733/07/I** | Progett International Youth Meeting<br><br>Propost li jsir f'Tours fi Franza bejn id-29 ta' Lulju 2007 u is-6 ta' Awissu 2007. Dan il-Kunsill gie mistieden biex jippartecipa b'10 zghazagh. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku ippropona li sakemm min sejjer jippartecipa johrog 80% ta' l-ispejjez involuti allura il-Kunsill qed jaqbel li dan isir. |
| | |
| **04/0747/07/I** | L-Assocjazjoni tal-Kunsilli Lokali tinfurmana bil-laqgha ghal-Kunsilliera ta' Malta u Ghawdex li sejra issir is-Sibt 14 ta' April 2007 fil-lukanda Coastline. |
| | |
| **04/0770/07/I** | Il-laqgha tas-Sindku u Vici Sindki sejra issir fix-xlokk ta' Malta nhar il-Gimgha 27 u 28 ta' April 2007. |
| | |
| **04/0783/07/I** | Seminar Progett ' Compass Plus' imtella mill-Kunsill Lokali ta' Marsascala nhar il-Gimgha 13 ta' April. Il-Kunsilliera huma mistiedna sabiex jattendu. |
| | |
| **04/0786/07I** | Il-Kunsill ircieva rapport tal-multi pendenti mit-Tribunal LES minn Jannar 2000 sal-31 ta' Marzu 2007 (L-ammont dovut huwa ta' Lm21,263) |
| | |
| **04/0788/07/I** | Is-Sindku informa lil Kunsill li nnomina lil Joyce Bezzina bhala l-ahjar business woman tal-lokal. Din sejra tiehu sehem fis-seminar fit-18 ta' Mejju 2007. |

## 35 (3) Approvazzjoni Programm Jum l-Isla 2007

Is-Sindku ipprezenta fuljett bil-programm ta' attivitajiet li huma proposti li jsiru fl-okkazzjoni ta' Jum l-Isla bejn l-4 ta' Mejju 2007 u it-8 ta' Mejju 2007 (kopja mehmuza). Dan huwa propost mis-sotto kumitat konsultattiv. Dan il-fuljett sejjer jitqassam f'cover apposta.

(3) 1 Is-sotto kumitat konsultattiv iddiskuta wkoll l-ispejjez involuti u is-sussidju tal-Kunsill ghal dawn l-attivitajiet.

Is-somma proposta hija ta' madwar Lm1200. Sejra titressaq rizoluzzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

## 35 (4) Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 35 (5) Mozzjonijiet

Il-Kunsill iddiskuta il-mozzjoni 01/2007 imressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada u issekondata mill-Vici Sindku Walter Ahar biex il-Kunsill jorganizza harga ta' familjarizzazjoni ghal Isptar il-gdid Mater Dei (kopja mehmuza).

Is-Sindku informa lil Kunsill li huwa diga kiteb biex jara liema granet huma disponibbli biex issir din iz-zjara. Inqrat l-ittra mibghuta mill-organizzaturi ta' l-Isptar Mater Dei

(5)1 Il-Kunsill approva din il-mozzjoni bi 3 favur u astensjoni tal-Kunsillier Reno Chircop.

(5) 2 Din il-harga ghandha issir f'wahda mid-dati proposti f'Mejju 2007 li hija it-23 ta' Mejju.

**35 (6) Rizoluzzjonijiet**

Il-Kunsill kellhu zewg rizoluzzjonijiet ghad-diskussjoni u approvazzjoni.

(6) 1 Hlas dovut lis-Senglea Athletics Youth Nursery. Dan skond minuti 26(2) 6 u 26(8).

Il-Kunsill approva il-hlas ta' Lm170 lis-Senglea Athletics Youth Nursery ghal xiri ta' makkinarju ta' ezercizzju (kopja mehmuza).

(6) 2 Attivitajiet Rigal lill-Anzjani 2006 (zieda fis-sussidju)

Il-Kunsill approva zieda ta' sussidju ta' Lm178 ghal din l-attivita', liema ammont qed jaghmel tajjeb ghal din il-qabza fis-sussidju ta' Lm650 li diga kien approvat b'rizoluzzjoni 7/2006 minuta 30(9)

Il-votazzjoni kienet hekk: tlieta favur u astenzjoni wahda: dik tal-Kunsillier Charmaine Gerada.

**35 (7) Xoghol ta' Speed Limit fi Triq il-Vitorja**

Wara spezzjoni li saret fuq il-post mill-Koptasin gie issuggerit li jsir ix-xoghol kif mehmuz. Dan ix-xoghol biex jitbaxxa l-ispeed tal-karozzi huwa stmat li jiswa Lm2000. Ittra lill-ADT.

**35 (8) Kwotazzjoni 'Play Area fi Triq il-Habs l-Antik**

Ghal dan ix-xoghol propost il-Kunsill ircieva zewg stimi, dik ta' Pada Builders ghal ammont ta' Lm2187.20 u dik ta' Silvar Constructions Ltd. ghal ammont ta' Lm793.50. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li Silvar Constructions Ltd. ma batx il-quotation skond dak li qieghed jitlob il-perit ghal dan ix-xoghol.

Minhabba nuqqas ta' taghrif u minhabba li mill-inqas irid ikun hemm tlett offerti, il-Kunsill qabel li id-decizjoni tithalla ghal-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**35 (9) Rapport Finanzjarju Attivitajiet tal-Kunsill 2006/2007**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta ir-rapport finanzjarju ta' l-attivitajiet li il-Kunsill wettaq matul is-sena finanzjarja 2006/2007. Dan kien l-ahhar update li sar fl-4 ta' April 2007 (kopja mehmuza).

Is-Sindku stqarr li hemm hlasijiet li mhux qed jaqbel maghhom. Dawn ghandhom jigu riferuti lis-Segretarju Ezekuttiv biex jemenda dan ir-rapport ghal laqgha li jmiss.

**35 (10) Website**

Sar hafna xoghol mis-Segretarju Ezekuttiv fl-ufficju amministrattiv u il-materjal ghal update diga intbaghat lil kurntrattur inkarigat biex il-website tigi aggornata ghal present. Jonqos jintbaghtu ir-rapport amministrattiv 2005/2006 u xi ritratti ohra.

Dan l-ufficju sejjer jibqa jzomm monitoring tal-website u jara li l-updating ikompli jsir minn zmien ghal zmien kif jkun jinhtieg.

**35 (11) Progett RCSM propost mill-Kunsill Lokali Bormla**

Taghrif dwar dan il-progett huwa mehmuz mal-minuti. Is-Sindku fisser li billi il-laqgha proposta mill-Kunsill Lokali Bormla biex iffiser l-ghan ta' dan il-progett ma sarietx, jipproponi li il-Kunsill jiehu decizjoni wara li jkun infurmat aktar dwar dan. Ref. 04/0641/07/I

**35 (12) Haddiema IPSL Assenjati mal-Kunsill**

Is-Sindku spjega il-problemi li qieghed jiffaccja u ghalhekk talab li niltaqu maghhom. Il-Kunsill qabel li jsir programm shih ta' xoghol li jrid isir mill-Kunsill fil-lokal. Minn naha l-ohra dawn il-haddiema iridu juru iktar impenn fil-hidma taghhom ghax sa issa il-Kunsill mhux sodisfatt bil-kontribut taghhom specjalment fejn tidhol osservanza ta' hinijiet u granet ta' xoghol.

12 (1) Il-kontribut li il-haddiema li jaqaw taht l-iskema ta' l-ETC Work Experience u Job Experience qed jaghtu l-kontribut taghhom sewwa u qed jaghmlu hafna xoghol siewi.

12 (2) Il-Kunsill qabel li jsiru dawn ix-xogholijiet u jinxtraw l-affarijiet li hemm bzonn ghal hidma ta' kulljum (lista mehmuza)

Il-laqgha tal-Kunsill ntemmet fit-8.56pm.

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

______________________

______________________

______________________

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |